MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 48/2004/1

**Arthur Briffa**

**vs**

**(1) Prim Ministru; u**
**(2) Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-15 ta' Dicembru 2004 li in forza tieghu, ippremetta illi huwa serva fis-servizz tac-civil.

Ippremetta li fid-19 ta' Awissu 1987, kien applika ghal sentejn 'unpaid leave' liema applikazzjoni giet milqugha mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Ippremetta li sussegwentament meta r-rikorrenti rega', wara l-imsemmija sentejn, ipprova jidhol fis-servizz ossia l-impjieg tieghu mac-civil, huwa ma thallix jidhol u anzi gie sospiz mix-xoghol.

Ippremetta li saru proceduri fil-konfront tar-rikorrent mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess Kummissjoni u fuq decizjoni sussegwenti tal-Prim Ministru, ir-rikorrent gie imkecci mis-Servizz Pubbliku, precizament fil-11 ta' Jannar 1996 u dana unikament ghar-raguni illi skond l-istess decizjoni huwa ma kienx qed jidhol ghax-xoghol u per konsegwenza ma kienx qed jaqdi s-servizz tieghu bhala impjegat fis-servizz civili.

Ippremetta li fil-frattemp id-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni inizzja proceduri kontra l-istess rikorrenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghaliex, skond l-istess Direttur, ir-rikorrent ma kienx qieghed jattendi ghax-xoghol u kien qieghed jithallas il-paga xorta wahda mid-Dipartiment u ghalhekk l-istess Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni fetah kawza kontra ir-rikorrent halli dan ihallas arretrati ta' paga li skond l-istess Direttur ir-rikorrent kien thallas indebitament.

Ippremetta li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet kollha tad-Direttur Genarali ta' l-Edukazzjoni u dana bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Ippremetta li d-Direttur intimat appella minn tali sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Ippremetta li l-Qorti ta' l-Appella fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2002, ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u cahdet it-talbiet tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Ippremetta li in vista ta' l-ezitu ta' din il-kawza, ir-rikorrent talab formalment lid-Direttur permezz ta' korrispondenza tieghu datata 10 ta' Gunju 2002 halli fl-ewwel lok huwa jigi reintegrat fis-Servizz Pubbliku u cioe' fis-servizz tieghu mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u fit-tieni lok jinghata l-

arretrati ta’ hlas tal-paga, inkluz bonus, zieda fil-paga u l-hlas tal bolol u dana mid-19 ta’ Awissu 1989 sa dik id-data ghal liema korrispondenza l-attur baqa’ minghajr ebda risposta.

Ippremetta sussegwentament li r-rikorrent intavola ukoll Protest Gudizzjarju datat 30 ta’ Awissu 2002, kontra l-intimati, izda l-istess rikorrenti baqa’ minghajr twegiba u l-istess intimati baqghu inadempjenti.

Ippremetta li l-agir da parti ta’ l-intimati, jew min minnhom, hekk kif hawn fuq spjegat, jikkostitwixxi fil-konfront tieghu ksur ta’ drittijiet tieghu ai termini tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, senjatament l-Artikolu Numru Wiehed (1) ta’ l-Ewwel Protokol li jhares il-jedd ta’ l-individwu ghat-tgawdija tal-beni tieghu li jghid li : “*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgwadija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet ipprovduti bil-ligi u bil-principji general ital-ligi internazzjonali, izda d-dispozizzjonijiet tad inaqqu d-dritt ta’ stat li jitwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-propjeta’ skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta’ taxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni*”.

Ippremetta li l-interpretazzjoni li taghti l-Qorti ta’ x’jikkonsistu ‘beni’ jew ‘possedimenti’ ai fini ta’ dan l-artiklu tal-Konvenzjoni Ewropea, hija wiesa’. Il-Qorti gieli tirreferi ghat-test Franciz fejn it-terminu ‘possedimenti’ jigi tradott f’ ‘biens’. Il-kelma hekk tradotta tista’ tigi interpretata b’mod aktar wiesa’. Fil-kas ikkwotat mir-rikorrenti : *Gasus Dosier und Fordertecknick GmbH v. Netherlands,* il-Qorti qalet, “The Court recalls that he notion ‘possession’ (in French “biens”) in Article 1 of Protocol 1 has an autonomous meaning which is certainly not limited to ownership of physical goods : certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as ‘property rights’ and thus as ‘possessions’ for the purpose of this provision”.

Ippremetta illi ghalhekk il-beni li jistghu jigu posseduti m’humiex biss dawk l-affarijiet li jistghu jigu posseduti ai termini tal-ligi nazzjonali. Il-kuncett ta’ beni jista’ jigi estiz ghal dawk l-affarijiet kollha li ghandhom valur ekonomiku. Il-Qorti Ewropeja ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li, per ezempju, ishma ta’ socjeta’ kummercjali, il-‘goodwill’ ta’ intrapriza, licenzja kummercjali biex tbiegh xorb alkoholiku, fost ohrajn, huma kollha beni ai fini ta’ dan l-artikolu in kwistjoni. Din il-Qorti tghid ukoll li ‘legal claims’ jistghu jigu interpretati bhala beni ai fini ta’ dan l-artiklu.

Ippremetta li huwa certament kellu ‘a vested right’ meta kien impjegat fic-civil ghal diversi snin taht l-intimat Direttur ta’ l-Edukazzjoni u cioe’ d-dritt kwesit tieghu bhala impjegat fic-civil. Dan kien dritt li kien propjeta’ privata tieghu u l-intimati jew minnhom ma kellhom l-ebda dritt illi jiksrulu tali dritt. Dan id-dritt li, kien jissarraf fi dhul ghar-rikorrent kif ukoll f’illi kien jaghmlu elegibbli ghal pensjoni meta huwa jilhaq l-eta’ pensjonabblu u ghal drittijiet ancillary u konnessi ohra dak li huwa kien jippossjedi gi miksur ghaliex fil-fatt l-impjieg tieghu mas-servizz pubbliku gie itterminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi. In oltre, wara s-sentenza tal-Qrati tal-Gustizzja hawn fuq indikata hadd mill-intimati m’ghamel xejn halli jissana jew jirrattifika din il-pozizzjoni tar-rikorrent nonostante diversi interpellanzi ta’ l-istess rikorrent.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti tiddikjara li gew lesi d-drittijiet umani u fundamentali tieghu ai termini ta’ l-Artiklu 1 ta’ l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamental ital-Bniedem u dana unikament minhabba l-agir ta’ l-intimati jew min minnhom hekk kif hawn fuq spjegat, u taghtih dawk ir-rimedji li fid-diskrezzjoni wiesgha taghha hija thoss li huma xierqa u opportuni, inkluz u b’mod partikolari illi tordna li r-rikorrent jerga’ jigi reintegrat fis-servizz tieghu fi hdan is-servizz pubbliku u li jinghata l-arretrati ta’ hlas tal-paga dovuta mill-intimat Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni, inkluz bonus u zidiet fil-paga.

Rat ir-Risposta ta’ l-intimati Prim Ministru u Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni, li biha eccepew illi :-

1. Illi fl-ewwel lok, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-fatti kif stabbiliti mir-rikorrent fir-rikors odjern, ma humiex korretti. Illi kien l-agir tar-rikorrenti innifsu li wassal lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku tiehu passi dixxiplinarji kontra tieghu, u li l-proceduri civili li tressqu kontra r-rikorrent ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-proceduri dixxiplinarji quddiemi l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

2. Illi fit-tieni lok, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tad-Drittijiet tal-Bniedem ma japplikax ghal kaz odjern, billi kuntrarju ghal dak pretiz mir-rikorrent, impjieg pubbliku ma jikkostitwixxix "property right" taht l-istess Konvenzjoni Ewropea, filwaqt li "expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions'". O'Boyle, the Law of the European Convention of Human Rights.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghar-reintegrazzjoni tieghu fis-servizz pubbliku hija ghal kollox irrita u nulla, billi:

(a) is-setgha li jaghmel hatriet ghal karigi ufficjali skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni hija vestita fil-Prim Ministru li jagixxi fuq ir-rakomandazzjoni tal-Public Service Commission; u
(b) a tenur ta' l-artikolu 115 ta' l-istess Kostituzzjoni, l-ebda Qorti m'ghandha gurisdizzjoni fuq dak lit kun iddecidiet il-Public Service Commission.

4. Illi ghal darb'ohra, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent ta' paga dovuta mill-intimat Direttur Genarali ta' l-Edukazzjoni, hija ukoll irrita u nulla stante illi r-rikorrent, jekk qatt kellu dritt, kellu rimedju ordinarju favor tieghu, rimedju li huwa ma ezawriex u li llum huwa ghal kollox preskritt a bazi ta' l-artikolu 2147 (c ) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi finalment u bla pregudizzju ghas-suespost dina l-Onorabbli Qorti taht is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha kull setgha illi

tiddeklina li tiehu konjizzjoni tal-kaz odjern stante li l-istess rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih, u cioe’ kemm dak civili kif ukoll dak stabbilit mill-Kostituzzjoni u cioe’ dak li jintavola appell taht is-subartikolu 3(a) ta’ l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Jannar 2005, li in forza tieghu inhatret l-Assistenta Gudizzjarja ta’ din il-Qorti sabiex tisma’ l-provi kollha li jressqula l-partijiet.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat ir-rikors tar-rikorrent tat-3 ta’ Marzu 2005 fejn l-esponent irrefera ghall-kawza fl-ismijiet “**Direttur ta’ l-Edukazzjoni –vs- Arthur Briffa**”, liema kawza giet deciza mill-Qorti Prim’ Awla fit-18 ta’ Gunju 1999 u sussegwentament mill-Qorti ta’ l-Appell deciza nhar il-31 ta’ Mejju 2002 fejn il-mertu ta’ dik il-kawza isir referenza ghalih kostantement f’dawn il-proceduri u fejn ghalhekk l-esponent hass li kien opportun illi dan il-process jigi allegat ma’ l-atti tal-kawza odjerna.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti li in forza tieghu laqghet it-talba li jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet “Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni –vs- Arthur Briffa” ma’ l-atti ta’ din il-kawza odjerna.

Rat li fil-fatt, skond sentenza deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-18 ta’ Gunju 1999 [Cit Nru 280/94 GC - Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni –vs- Arthur Briffa] din il-Qorti qalet li in vista ta’ dak kollu, it-talbiet attrici ma setghux jigu akkolti u ghal dawn il-motivi, iddecidiet billi cahdet it-talbiet kollha attrici.

Rat ukoll id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Mejju 2002, fejn din il-Qorti filwaqt li ikkonfermat is-sentenza appellata, cahdet l-appell ta’ l-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Noti ta' osservazzjonijiet rispettivi;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni huma s-segwenti :-

Illi r-rikorrent serva fis-servizz tac-civil sa mis-sena 1979. Huwa kien jahdem mad-Dipartiment tal-Public Works u fis-sena 1987, ir-rikorrent gie trasferit mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Hawnhekk ir-rikorrent kien jahdem bhala *time-keeper* u meta gie stazzjonat fi skola gewwa x-Xghajra Haz-Zabbar, skola li kienet ghadha qiegheda tinbena u li bidet tiffunzjona f'Otturbru 1989, kien jahdem bhala *watch man*.

Ir-rikorrent qed jallega li huwa kien applika fid-19 ta' Awissu 1987 ghal sentejn 'unpaid leave' liema applikazzjoni giet milqugha mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni peress li huwa kien qed isofri minn *depression*. Izda, irrizulta mix-xhieda prodotta li dan il-*leave* la' qatt gie mitlub u wisq anqas approvat. Se mai, irrizulta biss li r-rikorrent kien talab biss li jiehu sitt (6) xhur *leave without pay* minhabba ragunijiet familjari u dana fis-27 ta' Marzu 1990[1]. Ir-rikorrent stess stqarr li huwa ma kellux konferma bil-miktub li huwa setgha jiehu dan l-*unpaid leave*. Hu qal li kien mar biss u qal lit-*time-keeper* Joseph Galea li huwa kien ser jiehu l-*unpaid leave* u dan ma oggezzjonax. Fil-fatt, ta' min jirrimarka hawnhekk, illi t-*time-keeper* (dan Joseph Galea) ma kinitx il-persuna li kellha l-awtorita' li tikkonferma jew le din it-tali talba li allegatament ghamel ir-rikorrent, ghaliex tali talba kellha issir lill-Management & Personnel Office, fl-ufficcju tal-Prim Ministru, u huwa dan l-ufficcju li japprova talba bhal din u hadd iehor. Dan in fatti xhedu Eric Serracino fejn qal

[1] Dok CG 4 a fol 44 – Cit Nru 280/94 – GC : Direttur ta' l-Edukazzjoni – vs – Arthur Briffa.

"*F'kaz ta' leave ghall-perjodu bhal tas-Sur Briffa, ossia sentejn, normalment, dan jigi approvat mill-MPO. Jigifieri bhala records ahna ikollna kemm it-talba kif ukoll ir-risposta. Fil-kaz tas-Sur Briffa, nghid li ma kellna l-ebda talba kemm min-naha tas-Sur Briffa kif ukoll min-naha tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni*".

Dan xhedu ukoll Vincent Piccinino fejn qal hekk :

"*Is-Sur Briffa kien assenti ghal sentejn u nghid illi huwa, skond il-file tieghu, la' talab u lanqas inghata dan il-leave. Nghid li huwa kien ilu assenti mis-sena ta'l-1987, fix-xahar ta' Awissu".*

Dan ix-xhud, kompla billi qal is-segwenti ukoll :

"*Li kieku kien hemm din it-talba, din kienet tidhol fil-personal file tieghu u nghid li ma kienx hemm lanqas xi tip ta' reminder min-naha tas-Sur Briffa ghal xi talba li setgha ghamel.*"

Ir-rikorrent jghid li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma informawhx li l-allegat *unpaid leave* tieghu ma kienx qed jigi imwaqqf ghaliex id-Dipartiment ma kienx jaf b'din it-talba fl-ewwel lok. Li kieku kien hemm din it-talba, din zgur kienet tirrizulta mill-*file* hekk kif irrizultaw dokumentazzjonijiet ohra. Hawnhekk ta' min jirrimarka illi li kieku d-Dipartiment kellu din it-talba fil-*file* tar-rikorrent, dan allura zgur li ma kienx sejjer johroglu s-salarju tul dak iz-zmien kollu, ghaliex li kieku d-Dipatriment stess kien maghrraf b'din it-talba, allura zgur li ma kienx ser ikun il-kaz li jhallsuh ghal dan it-tip ta' *leave*! Is-salarju tar-rikorrent gie imwaqqaf hekk kif l- Accounting Officer (A.O) tad-Dipartiment induna li ma kienx qed imur xoghol fit-13 ta' Gunju 1990 u mhux ghax kien hemm talba formali ghal dan l-*unpaid leave*.

Ir-rikorrent, in fatti, kien meqjus, mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, bhala "absent without leave" minn Dicembru

tas-sena 1987[2] u anke ghall-fatt li r-rikorrent ma kienx talab la' *sick leave* u lanqas *leave* iehor fil-perjodu in kwistjoni.

Dana wassal sabiex jittiehdu proceduri dixxiplinarji kontra l-imsemmi rikorrent. Kien fl-24 ta' April 1995, fejn id-Direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni talab lill-Ufficcju tal-Prim Ministru parir dwar jekk kellhomx jittiehdu passi ghat-tkeccija tar-rikorrent u dana skond kif stipulat fir-Regolament Numru 24 tar-Regolamenti ta' Dixxiplina tas-sena 1977.

Dawn il-passi dixxiplinarji kienu inbdew fl-4 ta' Mejju tas-sena 1995 u kellhom jittiehdu kontra r-rikorrent peress li dana ma kienx qed jirraporta ghax-xoghol ghal perjodi twal ta' snin, meta r-rikorrent stess kien gie trasferit mid-Divizjoni tas-Sahha ghad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni. Dawn il-proceduri, in fatti, kienu ibbazati fuq Regolament Numru 24 tar-Regolamenti ta' Dixxiplina tas-sena 1977.

Dan ir-Regolament Numru 24 jghid hekk :
"*(1) Kull meta Kap ta' Dipartiment ikun sodisfatt li ufficjal* ***pubbliku jkun assenta ruhu minghajr leave ghal perjodu ta' mhux anqas minn ghaxart ijiem xoghol konsekuttivi jew ikun, f'xi perijodu ta' sena, hekk assenta ruhu b'kollox ghal mhux anqas minn ghaxart ijeim tax-xoghol. Il-Kap tad-Dipartiment ghandu jiccertifika dak il-fatt minn idejh u ghandu jibaght dak ic-certifikat lis-Segretarju Amministrattiv flimkien ma' rakkomandazzjoni li l-ufficali jitkecca mis-servizz****. Kopja tac-certifika u tar- rakkomandazzjoni ghandha tintbaghat lill-ufficjal koncernat.*
*(2) Wara li jaghmel dak l-istharrig l-iehor li jidhirlu xieraq, is-Segretarju Amminsitrattiv ghandu, sakemm ic-cirkostanzi tal-kaz ma jiggustifikawx kors ta' azzjoni differenti (f'liema kaz hu ghandu jiehu jew jara li tittiehed, dik l-azzjoni, maghaduda azzjoni taht ir-regolament 14) jibaghat il-kwistjoni lill-Kummissjoni.*

---

[2] - Dok CG 11 a fol 41 tal-process fl-ismijiet "Direttur ta' l-Edukazzjoni – vs – Arthur Briffa" (Cit.Nru 280/94-GC)

*(3)Jekk il-kwistjoni tintbaghat lill-Kummissajoni ma jkunx hemm htiega li jsiru aktar proceduri skond dawn ir-regolamenti u l-ufficjal jista' jitkecca mis-servizz mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni*".

Sussegwentament, fit-2 ta' Ottubru 1995, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni iccertifika illi s-Sur Briffa kien assenti minn fuq il-post tax-xoghol minghajr awtorizazzjoni u dana mid-19 ta' Awissu 1987. Ir-rikorrent kien gie anke notifikat permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju 1995[3] fejn fiha gie mitlub sabiex jaghti l-gustifikazzjonijiet dwar l-assenza tieghu minn fuq il-post tax-xoghol u li fin-nuqqas kienu ser jinbdew minnufih passi dixxiplinarji ghat-tkeccija tieghu mis-servizz u dana skond kif jipprovdi r-Regolament hawn fuq citat ossia Regolament 24.

Gie ikkonfermat li r-rikorrent qatt ma inghata *leave* ta' dan it-tip mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni u li anzi r-rikorrent kien meqjus bhala "*absent without leave*", skond kif jirrizulta u kif indikat hawn fuq.

F'kaz ta' *leave* ghall-perjodu bhal tar-rikorrent, ossia ta' sentejn, normalment dana jigi approvat mill-Management & Personnel Office kif xehed dwaru Eric Serracino stess fit-8 ta' Novembru 2005. Irrizulta li l- Management & Personnel Office fir-*records* ma kellhiex, f'dan il-kaz odjern, tali talba u lanqas ma kellha xi ittra li r-rikorrenti setgha baghat f'forma ta' *reminder.* Dana l-fatt jixhed dwaru ukoll Vincent Piccinino kif indikat aktar 'il fuq.

Wara li l-Management and Personnel Office (M.P.O) taw struzzjonijiet biex tinbeda procedura immedjata sabiex ir-rikorrent jitkecca mis-servizz fl-4 ta' Mejju 1995, fit-2 ta' Jannar 1996, ir-rekomandazzjoni tal-Public Service Commission (P.S.C), sabiex ir-rikorrent jitkecca mis-servizz, giet approvata mill-Prim Ministru u precizament fil-11 ta' Jannar 1996, ir-rikorrent gie imkecci mis-servizz pubbliku. Din it-tkeccija giet notifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra ohra li kienet registrata lilu u datata 25 ta' Jannar 1996. Ir-raguni unika l-ghala r-rikorrent gie

[3] (Dok VP5 – a fol 57) ta' l-imsemmija Cit 28/94 GC.

imkecci, kien minhabba l-assentejizmu ta' numru ta' snin, assentejizmu li kien issupera ferm aktar minn ghaxart ijiem (10) tax-xoghol wara xulxin[4]. Illi r-rikorrent ma kienx baghat ebda certifikat mediku sabiex jiggustifka l-assenza tieghu minn fuq il-post tax-xoghol kif inhuwa mitlub kull ufficcjal li jahdem fi hdan is-servizz civil. Kien minhabba f'hekk li r-rikorrent stess kien gie mitlub biex jinforma lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni bil-miktub bir-ragunijiet ghall-assentejizmu tieghu. In fatti, r-Rapprezentant Legali tar-rikorrent kien baghat ittra lid-Direttur Generali fejn kien informah l-ghala r-rikorrent kien assenti tul dak iz-zmien kollu. Pero' irrizulta, illi dawn ir-ragunijiet ma kienux accettabbli u fic-cirkustanzi inbdew dawn il-proceduri dixxiplinari kontrih.

Illi d-decizjoni tal-Public Service Commission hija wahda finali, biss skond il-procedura li thaddan l-istess P.S.C, din id-decizjoni hija soggetta ghall-appell. Fil-fatt, fid-19 ta' Lulju 2000, id-difensur tar-rikorrent issottometta petizzjoni ghan-nom tar-rikorrent u dana skond kif jipprovdi Reg 23A tar-Regolamenti ta' Dixxiplina (1977). F'din is-sottomessjoni tieghu, ir-rikorrent kien talab li tigi riveduta d-decizjoni tal-PSC ghat-tkeccija tieghu. Biss wara li intbaghatu l-kummenti hekk rikjesti min-naha tal-MPO, il-PSC baghatet ittra lill-Avukat tar-rikorrent fejn fiha kien hemm informazzjoni li l-Kummissjoni kienet sodisfatta illi d-decizjoni li kienet ittiehdet fil-konfront tar-rikorrent kienet wahda konformi mar-Regolamenti ta' Dixxiplina (1977) u li ma kinitx tikkonsisti 'a serious miscarriage of justice' u allura t-talba tar-rikorrent ghal rikonsiderazzjoni ma steghetx tigi akkolta.

Illi l-proceduri civili li inizja d-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni kontra l-istess rikorrent quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u kif rega' gie ikkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell, kellhom x'jaqsmu biss ma pagament lura ta' hlasijiet maghmula lilu indebitament, mentri fuq in-naha l-ohra, il-proceduri dixxiplinari, kellhom x'jaqsmu biss ma' l-imgieba tar-rikorrent fil-konfront tas-servizz tieghu fuq il-post tax-xoghol u allura dana l-fatt wahdu ma jaghtix lir-

[4] Vide Regolament Numru 24 hawn fuq kwotat.

rikorrent id-dritt li jahdem mac-civil bil-beneficcji kollha li jsegwu.

F'dan l-istadju, ta' min wiehed jara xi jghid Artikolu 110(1) :

"*Bla hsara ghad-disposizjonijiet ta' dan il-Kostituzzjoni, is-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi, u li jezercita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi karigi bhal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku…."*

B'hekk, wiehed hawn jinnota li t-tnehhija mill-kariga ta' ufficjali u li jerzercita kontroll dixxiplinari fuq l-imsemmija, hija f'idejn il-PM li jagixxi fuq ir-rakomandazzjoni tal-PSC[5] (**Cachia Fearne Dr Joseph vs Segretarju Permanenti ghall-Infrastruttura (20 ta' Ottubru 2005)**[6] u li f'dan il-kaz odjern, it-tkeccija tar-rikorrent kienet wahda gusta u konformi mal-Ligijiet ta' Malta.

Dina l-Qorti hija tal-fehema illi kien l-agir tar-rikorrent li ma jipproducix, hekk kif kien mitlub li jaghmel, certifikat mediku sabiex jiggustifika l-assenza tieghu. L-ittra ta' l-Avukat tieghu fejn tindika li dan kien qed isofri minn *depression* wara s-separazzjoni legali tieghu minn ma' martu ma kinitx bizzejjed jew accettabbli, ghaliex din l-ittra mhix wahda ekwivalenti ghal certifikat mediku kif kien mitlub li jipproduci r-rikorrent a bazi tar-Regoli ta' Dixxiplina 1977.

**Il-kuncett ta' Artikolu 1 Protocol Numru 1 tal-Konvenzjoni :**

[5] Il-PSC biss tista' tagixxi specjalment a rigward ta' mizuri dixxiplinarji li jistghu jittiehdu kontra impjegati tas-servizz civili – **Farmacista Joseph Camilleri – vs – Unur Tieghu Archibald Campbell noe et (25-02-1967).**

[6] Art 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi b'mod car li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi persuni li jkollhom jew ikun jagixxu f'xi kariga bhal dawk, tkun fil-PM, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-PSC. Il-P.M hu marbut li jimxi skond dik ir-rakkomandazzjoni u allura f'kaz ta' kwistjoni li tolqot l-impjieg ta' bniedem fis-serviz pubbliku, id-decizjoni, fil-verita' tehodha l-PSC u f'kaz ta' ilment hija d-decizjoni ta' din il-Kummissjoni li hija sindakabbli u mhux tal-PM u anke skond ma jipprovdi **Artikolu 115** ta' l-imsemmija Kostituzzjoni.

Ghalkemm Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni[7] ta' x'jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b'mod wiesa'. In fatti, f'**Mellacher v. Austria (19-Dec-1989)**, dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applilkabilita' ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk[8], in fatti, "*…the concept of what constitutes property or"possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide….range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests"* .[9]

## Protezzjoni ta' Artikolu 1 tal-Protocol Numru 1 :

B'dan ir-ragun allura, wiehed jista' facilment jghid illi Artikolu 1 Protocol Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-propjeta' fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni ghal interessi ohra. Dawn l-interessi imma jridu pero' juru numru ta' karatteristici li zviluppaw matul iz-zmien fil-gurisprudenza.

Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta' natura kummercjali, jew ahjar, ekonomiku. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement "of being realized" u b'hekk jirrapprezentaw dik li insejhulha "legitimate expectation"[10] kif ser naraw aktar 'l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali, ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.

[7] Il-kuncett ta' "possessions" qatt ma gie moghti definizzjoni generali u lanqas astratta.
[8] A Guide to the Implementation of Article 1 of Protocol Number 1, page 10
[9] Hawnhekk l-awtrici tkompli billi tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions" : "*…shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema"*.
[10] **Beyler v. Italy (5-Jan-2000) –** l-applikant f'dan il-kaz ipprova li kellu *de facto* 'proprietary interest' fil-pittura u b'hekk kellu 'a legitimate expectation'

Il-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu tapplika biss f’kaz li wiehed jista’ : “lay a claim to the property concerned”. Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-propjeta’ gia’ ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista propjeta’ fil-futur[11]. Artikolu 1 Protocol Numru 1, japplika biss, wiehed jista’ jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga’ ghandha u li diga’ qed tgawdi. Irid jigi provat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita “property rights” – **Zwierzynski v. Poland (19-June-2001).**

Kaz partikolari li juri l-iskop wiesa’ ta’ protezzjoni li jipprovdi dan l-Artikolu huwa **Pine Valley Developments Ltd v. Ireland (1991)**. Hawnhekk il-Qorti qalet li l-Artikolu 1 ta’ Protocol Numru 1 tal-Konvenzjoni kien kapaci li jipprotegi “a legitimate expectation” meta “a certain state of affairs will apply”. F’dan il-kaz, pero’, il-Qorti kienet konvinta li l-persuna li ridet tizviluppa l-art in kwistjoni, kellha di fatti din il-pretensjoni li tizviluppa l-art li kienet akkwistat.

Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta’ dritt li qed igawdi li skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala “property right” **– S v. United Kingdom (1986 – Application Nujmber 11716/85).**

In fatti, il-fundazzjoni sabiex “claim”[12] tkun ikkonsiderata bhala “possession” taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ippruvat li hemm pretensjoni legali li ma tistax tigi stabbilita jekk “*a precondition to a cliam to property has not been fulfilled*” – **Kopecky v. Slovakia (28-Sept-2004).**

[11] Isegwi allura li l-pretensjoni li wiehed ser jiret propjeta’ fil-futur, per ezempju, ma jkunx protett taht dan l-Artikolu (1979) **Marckx v. Belgium u fl-1987 f’Inze v. Austria.**

[12] **Antonakopoulos v. Greece (14-Dec-1999)** – gie argumentat is-segwenti:- “*as long as the holder of a claim can have a “legitimate expectation” of realizing the claim, that is, that the claim is “sufficiently established” to the extent of being executabvle, then this claim is in principle to be accepted as on par with “possession” capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1”.*

*"A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act…"* – ***Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)***, jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation".

Karatteristika indispensabbli hija l-akkwist tal-valur ekonomiku ta' l-interess ta' dak l-individwu, kif mistqarr aktar 'il fuq, u anke kif intqal f'**Batelaan and Huiges v. Netherlands (1984) :** li *"expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of possessions".*

Sabiex talba (*claim*) tista' tigi meqjusa bhala "possession", trid allura taqa' fil-parametri ta' dan l-Artikolu. Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficentament "established to be enforceable" – **case of Burdov v. Russia (7-May-2002); Timofeyen v. Russia (23-Jan-2004)** u **Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece (9-Dec-1994).** Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi ikkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista' tigi ikkonsiderata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficci ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" – **Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)[13] u National and Provincial Building Society v. U.K (1997).**

Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist **Potocka and Others v Polnad (2000)** , huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, huwa rikjest illi dik il-persuna tipproduci *prima*

[13] **Fedorenko v Ukraine 91-June-2006)** – Il-Qorti f'dan il-kaz, qalet li skond kazistika tal-organizazzjonijiet tal-Konvenzjoni, "possessions" jistghu jkunu kemm beni li diga' jezistu jew assi ('assests') u dan jinkludi 'claims' li l-applikant ghandu f'dak ir-rispett jargumenti li ghandu almenu 'a legitimate expectation' li jista' jottjeni tgawdija fid-dritt ta' propjeta'

*facie* bl-ezistenza u l-validita' tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni in kwistjoni.

Issa, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma, f'dan l-istadju, illi veru li r-rikorrent jista' jargumenta li huwa kellu "a vested right"[14] meta dan kien impjegat fis-servizz tac-civil. Biss, ir-rikorrent issa ma jridx jinsa illi kien l-agir tieghu biss, ossia li assenta ruhu minn fuq il-post tax-xoghol minghajr gustifikazzjoni u kif mitlub mir-Regolamenti ta' Dixxiplina fis-Servizz Pubbliku (1977) u li ma jipproducix certifkat mediku li wassal sabiex huwa jigi imkecci mis-servizz civili.

F'dan il-kaz, il-Qorti tinnota li r-rikorrent gie imkecci skond kif tipprovdi l-Ligi li thaddan is-Servizz Pubbliku u li gie hekk imkecci in konformita' ma' din il-Ligi. Ir-rikorrent ma jistax jghid li huwa kien jaf biss, permezz ta' ittra mibghuta lilu, li huwa kien gie imkecci mis-servizz. Ir-rikorrent, kien jaf li kienu inbdew proceduri dixxiplinarji kontrih ghaliex mid-dokumentazzjoni li giet esebita, jirizulta li r-rikorrent kien konsapevoli ta' din il-procedura u li sahansittra inghatalu d-dritt kif moghti skond Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (smiegh xieraq)[15]. B'hekk it-tkeccija tar-rikorrent ma tistax tinghad li kienet wahda illegali u li per konsegwenza l-intimati jew min minnhom kisrulu d-dritt tieghu ta' l-impjieg.

F'**Malhous v The Czech Republic (13-Dec-2000),** gie iddikjarat illi "*…the hope of recognition of the survival of an old property right which it has long been impossible to exercise effectively cannot be considered as a "possession" within the meaning of Article 1 Protocol Number 1 nor can a conditional claim which lapses as a result of the non-fulfillment of a condition…"* Allura fuq dan l-argument, ir-rikorrent, peress li kien gie imkecci

---

[14] **The National & Provincial Building Society, The Leeds Permanent Building Society & The Yorkshire Building Society v. The U.K (1997)** – f'dan il-kaz is-socjetajiet kollha kienu ikkonsiderati li kellhom possediment f'forma ta' "vested rights" ghaliex dan gie ippruvat.

[15] Ma irrizultax li r-rikorrent gie imkecci mill-impjieg tieghu minghajr ebda raguni valida fil-ligi ghaliex apparti li l-procedura giet segwita kollha kif kellha tigi segwita, ir-rikorrent, kien a konoxxenza ta' dak li kien qed isir fil-konfront tieghu ghaliex huwa kien ircieva korrispondenza fuq dan il-ghan u kien informat bl-andament ta' dawk il-proceduri li kien hemm kontrih.

minn fuq il-post tax-xoghol tieghu, ma jistax jargumenta li huwa kellu “possession” ghaliex huwa d-dritt li darba kellu issa ma jistax jghid li jista’ jezercitah, ghaliex fil-verita’ dan m’ghandux tali jedd jew dritt.

“*A vested right is a legal claim or right to the present or future enjoyment of some property or activity*”, hekk kif ikkwotat fl-Unjoni Ewropea. Fl-isfond ta’ din il-kwotazzjoni, ir-rikorrent ma jistax issa jghid li huwa ghandu xi “legal claim” jew dritt ghal beni prezenti jew futuri ghaliex minn mindu huwa gie imkecci mis-servizz civili, huwa issa m’ghandux aktar dawn il-beneficcji ghad-dispozizzjoni tieghu. Dana bhalma wiehed ma jobdix ir-regoli ta’ xi partita jew xi club : jekk wiehed jikser xi regola, allura tistenna li xi forma ta’ procedura ser tittiehed kontrih u skond liema regola tikser, ikun hemm il-konsegwenzi. Hekk gara f’dan il-kaz. Ir-Regolamenti ta’ Dixxiplina jistipulaw li jekk wara ghaxart ijiem konsekuttivi tax-xoghol ufficjal pubbliku jkun assenta ruhu minghajr leave, il-Kap tad-Dipartiment ghandu jiccertifika dak il-fatt minn idejh u ghandu jibghat dak ic-certifikat lis-Segretarju Amministrattiv flimkien ma’ rakkomandazzjoni li l-ufficjali ***jitkecca*** mis-servizz.

Gialadarba persuna giet imkeccija minn fuq il-post tax-xoghol taghha, kif inhuwa l-kaz in ezami, allura dan igib mieghu l-konsegwenza li dik il-persuna tkun imcahda minn kull forma ta’ beneficci anke dawk ta’ l-irtirar ossia pensjoni. F’kaz bhal dan, kif kien meqjus f’**Azinas v. Cyprus (28-April-2004),** “….*the applicant had no ‘legitimate expectation’ of receivnig a pension.”* Hekk ukoll f’dan il-kaz : la r-rikorrent gie imkecci fuq raguni valida fil-ligi, allura huwa m’ghandux bazi legali, jew ahjar huwa ma ghandux “a legitimate expectation” ghal dak li huwa qed jitlob fosthom li jithallas l-arretrati tas-salarju, bolo u pensjoni.

Id-dritt ghal talba sabiex ikun hemm restituzzjoni ta’ beni li definittivament spicca u li kien jappartjeni lil dak li jkun, kif inhuwa f’dan il-kaz, allura l-argument huwa li dan l-Artikolu ma jiggarantix il-protezzjoni tieghu – **Futro v. Poland (12-Dec-2000) u Malhous v. Czech Republic (13-Dec-**

**2000).** Fuq dan il-principju, dik il-Qorti kienet qalet hekk : "*…the hope of having the survival of a proprietary title, which has only become impossible to properly exercise, recognized, may not be considered a "possession" within the meaning of Article 1 Protocol Number 1".*

In oltre, "*future income constitutes a 'possession' within the meaning of Article 1 of Protocol 1 **only** if it has been earned or where an enforceable claim to it exixts*"- **Ambruosi v. Italy (19-October-2000)**. Ir-rikorrent zgur li ma jista' jghid li huwa ghandu xi forma ta' "enforceable claim" hawnhekk u wisq inqas li huwa kien immerita din it-talba fl-ewwel lok.

Fil-kaz iehor ta' **Kurak & Temelli v. Turkey**, gie stabbilit li :

*"future income derived from professional work may not be deemed to be a "possession" within the meaning of Article….unless it has already been earned or is the object of an undisputed claim".*

Fuq dan ta' l-ahhar, fil-kaz oderjn, il-Qorti issib illi r-rikorrent zgur li wara li gie lilu terminat l-impjieg, huwa ma jistax aktar igawdi minn introjtu u lanqas jista' jargumenta li kien hemm xi "undisputed claim".

Hija regola generali illi sabiex wiehed ikollu jedd li jaghmel talba fuq propjeta', dan l-individwu irid ta' bilfors ikollu drittijiet sufficjenti li jintitolah sabiex jaghmel dan fl-ewwel lok u kif irrizulta mill-fatti, ir-rikorrent ma kellu l-ebda dritt li jintitolha sabiex jaghmel talba bhal din. Huwa importanti f'kazijiet bhal dawn illi l-interess legali ghandu jkun sufficentement identifikat u li r-rikorrent f'dan il-mument ma setax jidentifika dan l-interess legali tieghu.

Hekk kif ir-rikorrent kellu pretensjoni legali li jircievi pensjoni, meta huwa kien impjegat fis-servizz civili, huwa kien ukoll edott mill-fatt illi mat-tkeccija tieghu li din ovvjament iggib maghha li jitlef il-jedd ta' beneficcji bhalma huma hlas ta' paga, bolol, bonuses, sahansittra anke d-dritt ghal pensjoni. Bhalma jispecifika **Artikolu 39**

**tal-Kostituzzjoni L.S 0.03**. Hawnhekk, hija cara l-pozizzjoni ta' ufficjal pubbliku li jekk dana jigi imkecci mis-servizz civili jitlef kull dritt u pretensjoni ghal pensjoni, gratifikazzjoni jew hlas iehor.

"*Any person who had been refused entry in the civil service due to a criminal conviction*[16]*or is removed from the civil service due to a disciplinary offence could not legitimately bring an action for infringement of rights guaranteed by this provision"* – **De Diego Nafria v. Spain (14-March-2000)**

Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea fil-kawza **Francesco Lombardo v. Italy (26-Nov-1992)**[17] **kif ukoll f'Orlandini v. Italy (1997) :** jekk hemm ligi li taghti espressament dritt civili lill-impjegat pubbliku ghal xi hlas dana allura jfisser li dak l-impjegat ghandu d-dritt li jinforza dak id-dritt civil tieghu. Imma, jekk dan id-dritt ma jirrizultax minn dik il-ligi specifika, allura ir-relazzjoni ta' bejn l-impjegat u l-Gvern ser tkun wahda regolata mid-dritt pubbliku. Ukoll, barra dawn il-kazijiet hawn fuq citati, fil-kaz, ta' **Maillard v France (1999),** il-Qorti Ewropea, bhal f'kazijiet ohrajn, qatghet illi ma kienx hemm dritt civili ghaliex "*disputes concerning the recruitment, employment, retirement or dismissal of civil servants*….." huma esklusi mill-iskop ta' l-applikazzjoni ta' **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u ghalhekk m'humiex "a determination of civil rights and obligations".

Huwa minnu, f'dan il-kaz in ezami, illi "…..*servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti min zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda ligi jew disposizzjoni taghha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impjieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, ghal servizz mal-Gvern hlief safejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra".*

---

[16] **Ambruosi v. Italy (19-October-2000)**

[17] Il-Qorti Ewropea qalet hekk : "….*what is concerned here is essentially an obligation on the State to pay a pension to a public servant in accordance with the legislation in force….."*

Iffisser, allura, skond dan l**-Artikolu 469A(6)** illi huma r-Regolamenti ta' Dixxiplina, kif hawn fuq provdut, li jistabbilixxu kif ghandha issir tkeccija ta' ufficjal pubbliku. Il-Qorti issostni illi din it-tkeccija kienet wahda fondata u li skond dawn ir-regolamenti r-rikorrent ma kellux dritt civili f'dan il-kaz kif prezentat.

Dan kollu jwassal sabiex jinghad illi r-rikorrent, fir-Rikors Promotur tieghu, ma ippruvax ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li fl-ewwelnett huwa kellu "possession" kif spjegat aktar 'il fuq u wisq anqas jista' jallega li kellu deprivazzjoni ta' dan il-pussess tal-propjeta' tieghu u li b'konsegwenza ta' dan gie lez Artikolu 1 Protocol Numru 1 jew drittijiet fundamentali tieghu kif stipulat fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------